**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 62**

**Data:** **23 ta' Jannar 2024**

**Hin:** **09.15am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

62.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji;

62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

62.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

62.5 Korrispondenza u Rapporti;

62.6 Progetti u Xogholijiet;

62.7 Attivitajiet;

62.8 Budget 2024;

62.9 Performance Bonus ta' l-Impjegati;

62.10 Skeda ta' Pagamenti;

62.11 Materji ohra;

62.12 Tmiem tal-laqgha.

---

**62.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji**

62.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

62.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

62.3.1 Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-latrini awtomatici kellu appuntament mall-management ta' Ta' Pinu sabiex ikun identifikat fejn ser tkun qeghda fuq il-post. Dwar il-latriuna ta Trux minn stima pleminari ser tigi tiswa €20,000.00 iktar mill-prezz indikat. Ghal dan il-ghan jehtieg li jintalab estenzjoni taz-zmien tat-tlestija.

62.3.2 Is-Sindku qal li kif kien hemm qbil l-Ghaqda tal-Presepju ser tkun qeghda tidhol f'kuntratt mall-Kunsill Lokali l-Gharb sabiex juzaw spazzju mill-Meeting Hub ghal Ghaqda taghhom. Dan il-kuntratt ser ikun validu ghal ghaxar snin bil-possibilita' li jigi mgedded. Ghal dan il-kuntratt mhux ser tithallas ebda mizata pero' ser ikunu qed joffru korsijiet b'xejn bhala parti mill-ftehim. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jigi ffirmat tali kuntratt.

62.3.3 Is-Sindku spjega li kuntratt simili ta' dan ser ikun qed isir mall-Agenzija Sapport kif diga kien diskuss f'laqghat precedenti. Il-ftehim huwa mahsub li jsir fi Frar u ser ikun qed isir ukoll bil-kollaborazjoni tal-Ministeru ghal Ghawdex. L-Agenzija Sapport kienet ghada ma kkonfermatx ghalkemm il-sena ser ikun qed jigi ffirmat pero' x'aktarx ghal hames snin. Il-Kunsill qabel li dan il-kuntratt ghandu jigi ffirmat.

62.3.4 Is-Sindku qal li fi Triq Frenc ta' l-Gharb kien gie installat *sleeping policeman* kif kien maqbul. Huwa qal li kien hemm propost iehor aktar l-isfel pero' kien hemm residenti li oggezzjonaw ghalih. Is-Sindku qal li kien hemm ilment kif dan ma wehilx kif kien propost u kien gie spjegat lir-resident ir-raguni ghaliex. Sar suggeriment biex isir ftit aktar 'il fuq minn kif propost. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandha terga ssir is-survey mar-residenti kkoncernati u tghaddi ghall-approvazzjoni minghand l-awtorita' tat-Transport.

**62.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

62.4.1 Gew trattati s-segwenti mistqosijiet minghand Joseph Mizzi:

Installazzjoni ta' Noticeboards bl-avvizi tal-Kunsill Lokali u attivitajiet li jkunu se jsiru. Nipproponi li jitwahhlu xi noticeboards li jservu sabiex jitwahhlu avvizi / posters ta' attivitajiet li jkunu se jigu organizzati ghall-beneficcju ta' persuni li ma juzawx mezzi socjali / online platforms. Din l-idea giet minn persuna barrani li jissugerixxu li jsiru dawn in-notice boards f'postijiet fejn in-nies li jkunu mexjin, ikun possibli li jaraw x'events se jsiru. Suggerimenti ghall-postijiet possibbli ta' dawn in-notice boards huma: Pjazza Vizitazzjoni (fejn bus stop), il-fgura (Triq l-Gharb / Triq Frangisk Portelli), Pjazza Gerano, Triq Trux (kantuniera ma' Triq Molina), Pjazza Santu Pietru (fejn Bus Stop), Triq Madonna tal-Virtut (hdejn il-belvedere). Ovvjament, dawn ma jehlux quddiem residenzi jew ma' postijiet private, izda fejn jista' jkun hemm xi hajt li mhux jintuza. Dawn jistghu jkunu aggornati minn haddiema tal-Kunsill jew minn kunsilier inkarigat minn dan. Is-Sindku qal li l-ideja hija tajba u li sabiex jehlu f'postijiet irid ikun hemm il-permess ta' sid l-ghalqa jew awtorita' skond il-kaz qabel jehlu. Il-Kunsill kompla jiddiskuti din il-materja u qabel li ghandhom jehlu galadarba jinkisbu l-permessi mehtiega.

Nipproponi li wara li harget l-ahbar fil-midja li se tinghata ezenzjoni tal-mizata amministrattiva lil kull min japplika ghal Tallinja Card, jinhareg avviz lir-residenti li ghad m'ghandhomx Tallinja Card u jridu ghajnuna biex japplikaw ghaliha, jkunu jistghu jaghmlu dan billi juzuru l-ufficcju tal-Kunsill Lokali biex dan l-incentiv jilhaq kemm jista' jkun nies sal-ahhar ta' Frar. Il-Kunsill qabel li ghandu jghin.

Nipproponi event li jista' jsir matul is-sena, tkun attivita' ta' esebizzjoni ta' karozzi li jahdmu bir-remote control organizzata bi shab mal-Gozo Car Model Association, attrazzjoni li tista' tigbed l-attenzjoni ta' dilettanti ta' dan l-isport. Saret diskussjoni dwar din il-proposta fejn il-Kunsill qabel li din hija attivita' li tista' tigi nkluza.

Event iehor li nipproponi huwa li, wara li sar gbid ta' film fil-pjazza tal-Gharb, issir open-day, u ssir spjega kif jinhadem film, x'jirrikjedi biex tinbibed xena ta' film u n-nies prezenti jaraw x'iwassal biex tinghalaq il-pjazza biex jingibdu xeni ghall-film u possibilment issir tahdita minn membri tal-produzzjoni. B'dan il-mod, residenti jkunu jistghu japprezzaw x'xoghol ikun qed isir u forsi jkun hemm min huwa dilettant tal-films jew min huwa mhajjar ghal xi xoghol f'dan il-qasam. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li din hija materja li ghandha tigi diskussa mall-kumpanija li twettaq il-films sabiex tittehed l-opinjoni taghhom.

## 62.5 Korrispondenza u Rapporti

62.5.1 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar: PA/07738/23, RG/01410/23, PA/00088/24, PA/00009/24, PA/00015/24 u PA/00028/24.

62.5.2 Giet trattata korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fir-rigward ta' tigdid ta' Personal Accident Policy. Il-Kunsill qabel li din ghandha tiggeded.

62.5.3 Giet trattata korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fir-rigward ta' tigdid ta' shubija ma' l-ECAD. Is-Sindku spjega din x'kienet tirrigwardja u l-Kunsill qabel li din ghandha tiggeded.

62.5.4 Giet trattata korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fir-rigward ta' Assikurazzjoni ta' flus fejn il-Kunsill approva t-tigdid ta' din l-assikurazzjoni.

**62.6 Progetti u Xogholijiet**

62.6.1 Is-Sindku qal li gie infurmat mill-kuntratt li Triq Tumas Cassar ser tinghata bidu fil-gimgha li gejja jew ta' wara. Bhala l-ewwel xogholijiet li jriru jsiru huwa l-main ta' l-ilma fuq in-naha tad-djar u wara ssir anke it-trinka ta' l-Enemalta sabiex jigu kkomunikati l-pannelli fotovoltajici mas-substation. Is-Sindku qal li sa l-ahhar tax-xahar ghandu jigi l-kuntrattur biex jinstalla l-pannelli. Huwa qal ukoll li l-fence tal-grawnd irid jinbidel u ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jara xi prezzijiet hemm fis-suq. Minn ricerka li saret jidher li minn barra dan jiswa madwar €12,000. Tkompliet id-diskussjoni fuq din il-materja fejn is-Sindku qal li fil-grawnd ta' Kercem hemm fence differenti u tajjeb li wiehed jiccekkja anke dan it-tip ta' fence kemm jigi jiswa pero' l-kanni xorta jridu jinbidlu. Il-Kunsill qabel li ghandu jevalwa u jara x'joffri s-suq bhala materja u prezzijiet sabiex dan ikun jista' jinxtara.

62.6.2 Is-Sindku qal li t-trakka fejn qed jitwahhlu l-pannelli ser ikollha tinbidel. Huwa qal li diga intalbet stima lil kuntrattur li kien ghamilha sabiex jaghti stima. Huwa spjega li l-pannelli ser ikunu qed jigu finalizzati sa l-ahhar ta' Frar. Sadanittant is-Sindku qal li qed isiru diskussjonijiet ma' l-Enemalta dwar il-konnessjoni tas-substation. Apparti minn hekk iridu naraw il-*feed in tarif* li rridu napplikaw ghalih kif ser tkun.

62.6.3 Is-Sindku qal li l-progett fejn gejja l-pool ser inkomplu bit-tahmil il-gimgha d-diehla u wara ssir l-istruttura tal-konkos. Minn stima pleminari l-pool ser tigi tiswa' madwar €60,000. Il-Kunsill qabel li ghandu imexxi b' kwotazzjonijiet diversi sabiex issir ix-xoghol.

62.6.4 Xogholijiet ohra li ghaddejin huwa fil-Beleveder tal-Wied ta' Jodros fejn ser jigi installat ir-railing. Ir-railing ta' fejn il-pitch tal-bocci qed jigi installat issa u dak ta' fejn il-belveder ser ikun simili. Fil-beleveder ser jigi installat ukoll il-madum, il-bankijiet u jitwahhal id-dawl.

62.6.5 Il-progett tat-toroq rurali inbeda ukoll u s'issa beda minn tac-Cini ghal fejn il-kamra tan-nar. Is-Sindku spjega li fil-prezent kien waqaf ix-xoghol peress li kien hemm xi persuna li trid tghaddi trinka u qeghda tistenna stima. Wara dan jinbeda x-xoghol. Is-Sindku zied jghid li qabel jibda' x-xoghol fuq it-triq l-ohra

rridu naraw jekk ahniex mill-budget. Bhala savings it-toroq proposti mill-Kunsill ma gewx approvati u qeghdin nidentifikaw toroq ohra fiz-zona biex nergghu napplikaw.

**62.7 Attivitajiet**

62.7.1 Is-Sindku qal li l-harga li saret ghall-anzjani kienet success u dawn hadu hafna pjacir. Is-Sindku ssugerixxa li jigi organizzat weekend break f'Malta. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

62.7.2 Is-Sindku ppropona sabiex bhala parti mill-attivitajiet tal-karnival is-Sibt 3 ta' Frar jigi mistieden DJ sabiex jsir Carnival Party u l-gurnata ta' wara l-Hadd 4 ta' Frar ikun hemm il-Karnival organizzat bil-gruppi taz-zfin fil-pjazza.Fir-rigward ta' l-attivita' tad-DJ Miriam Borg issugeriet li jigu mistiedna l-NGO's biex naraw jekk humiex interessati li jmexxu l-bars huma. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

62.7.3 Attivita' ohra ghax-xahar ta' Frar hija dik tal-Valentine. Il-Kunsill iddiskuta din l-attivita' u qabel li ghandha tigi organizzata kif propost il-Hamis 15 ta' Frar, fil-pjazza taht it-tinda.

**62.8 Budget 2024**

62.8.1 Is-Sindku qal li l-Budget ghal din is-sena huwa ta' €325,613. Bhala dokument tal-budget dan ser jigi diskuss aktar 'il quddiem peress li qed isir ix-xoghol fuqu.

62.8.2 Is-Sindku qal li l-ideja tal-farm li kienet gie proposta jekk il-Kunsill ikun ghadu interessat li jimplimenta tali progett bhala art wehidha tigi tiswa €225,000 u dan ix-xoghol ikun ghadu ma nbediex. Din iz-zona giet maghzula peress li diga ghandha permess u tkun aktar facli li jigi implimentat il-progett minghajr hafna problemi. Is-Sindku qal li rridu naraw jekk il-Kunsill ikollux fondi jew minn fejn ser jingabu l-fondi ghal tali progett. Il-Kunsill qabel li galdarba jinkisbu l-fondi mehtiega dan il-progett ghandu jigi implimentat.

62.8.3 Is-Sindku qal li fir-rigward tad-devoluzzjoni tal-Mithna, l-Kunsill gie mgharraf li fuq dan il-post hemm cens li jghalaq fl-2060.

62.8.4 Is-Sindku qal li normalment ta' kull sena l-Kunsill johrog skema lil NGOs' tal-lokalita' biex isiru attivitajiet u xogholijiet bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Fuq dan il-punt is-Sindku qal li l-Kunsill ghaddej b'diskussjoni ma' agenzija sabiex tghin finanzjarjament lil NGOs'. Gie spjegat ukoll li bhalissa qed isiru verifiki jekk l-NGO's ghandhomx ikunu registrati mall-VO sabiex japplikaw jew le. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel li ghandu jinhareg avviz bl-iskema ghall-NGOs' lokali.

**62.9 Performance Bonus ta' l-Impjegati;**

62.9.1 Il-Kunsill iddiskuta l-performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv ta' l-iskrivan Christian Attard kif ukoll ta' l-Animal Steward Joe Louis Piscopo fejn dawn gew

approvati unanimament mill-Kunsill. Is-Sindku ddikjara li fir-rigward tal-Performance Bonus ta' Christina Camenzuli huwa ghandu nteress personali u ghalhekk filwaqt li talab li jigi skuzat hareg mil-laqgha. Il-Vici Sindku Louis Apap kompla jippresiedi. Gie diskuss l-Performance Bonus ta' Christina Camenzuli fejn dan gie approvat unanimament. Is-Sindku gie imsejjah lura ghal-laqgha u kompla jippresiedi.

**62.10 Skeda ta' Pagamenti**

62.10.1 L-Iskeda tal-pagamenti giet approvata mill-Kunsill.

**62.11 Materji ohra**

62.11.1 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova board tat-tenders li jintuza ghall-offerti biex ikollna wiehed ghas-sena. Dan il-board ghandu jkun maghmul minn Miriam Borg bhala Chairman, Sindku David Apap, Andrew Brooke u Franklin Farrugia bhala evalwaturi. Il-Kunsill qabel ma' dan il-board.

62.11.2 Is-Sindku qal li ghall-inawgurazzjoni tac-Centru Civiku u tal-Meeting Hub ghad m'hemmx data fissa. Huwa zied jghid li ghad irridu naraw x'ghad baqa x'isir bhal ma huma railing tat-tarag, cameras ghal-kamra tal-laqghat u projector. Ta' dawn ghandha tintalab ukoll kwotazzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir ix-xoghol mehtieg.

62.11.3 Is-Sindku nforma lill-membri li Matthew Galea talab l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex tigi organizzata Charity Ride and Run madwar Ghawdex fejn jingabru fondi ghall-punti. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu joffri l-ghajnuna.

62.11.4 Is-Sindku issugerixxa li ghal vaganzi tal-Ghid issir safra kulturali ghal Milan. Il-Kunsil Qabel ma dinl-idea.

**62.12 Tmiem tal-laqgha**

62.10.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 22 ta' Frar 2024 fid-09.00am.

62.10.2 Il-laqgha spiccat fil-10.00am.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv